MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 37/2018

It-Tnejn 14 ta' Mejju 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

## 37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

37.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li l-membri s-Sur Martin Cefai u s-Sur Simon Salomone Reynaud kienu skużati. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba kien skużat ukoll. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

37.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 36/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

37.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

37.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

37.2.4 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 37.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

37.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat Amministrattiv li wara li sar kuntatt mas-sid tal-*Plajja Guesthouse* minħabba l-*bollards* baxxi li hemm mal-bankina, huwa qal li dawk mhux hu għamilhom iżda qegħdin hemm biex jipproteġu l-bankina. Iċ-*Chairperson* qalet li jkun aħjar nitkellmu ma' Transport Malta fuq dan il-każ.

37.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li hemm għatu tal-konkos fil-bankina ta' Triq il-Wied li hu perikoluż dan għaliex waqgħet xi biċċa minnu u issa hemm toqba. Ġibdet l-attenzjoni wkoll dwar toqba fil-bankina fi Triq ir-Rabat. Il-membri preżenti qablu li jsir għatu tal-ħadid

għal kull toqba biex nevitaw il-periklu malajr kemm jista’ jkun għax faċilment wieħed iweġġa’ waqt li jkun miexi fuq dawn il-bankini.

37.3.3 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li issa li qed joqrob is-Sajf trid terġa’ tintrema’ u titranġa r-rampa tal-injam li sservi għal aktar aċċessibilta’ għall-bajja ta’ quddiem l-għassa tal-Pulizija.

37.3.4 Iċ-*Chairperson* għamlet punt dwar l-ammont ta’ skart li qed jerġa’ jkun hemm imxerred madwar Marsalforn. Hi qalet li l-Kumitat irid jiddeċiedi x’ser jagħmel dwar din il-problema.

## 37.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

37.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech ġibdet l-attenzjoni dwar il-bżonn li jinbaraxx taħt il-*promenade* ta’ Triq il-Port mill-ħass li hemm. Hi qalet li fil-mument hu ta’ periklu kbir għax jista’ faċilment wieħed jiżloq u jweġġa’. Iċ-Chairperson fuq dan il-punt qalet ukoll li s-sezzjoni tal-*beaches* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex kellu jinstalla *railing* għas-sigurta’ f’din iż-żona.

37.4.2 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar il-fanali ta’ Triq Santa Marija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li llum reġa’ tkellem mal-kuntrattur u qallu li dawk il-lampi dekorattivi għadhom ma waslux minn barra għand l-aġent ta’ Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb ukoll li għamel pressjoni kbira mal-kuntrattur peress li apparti dawk imqaċċtin hemm oħrajn li mhux qed jixegħlu. Il-kuntrattur wieġeb li din il-ġimgħa dawk li m’humiex imqaċċtin u mhux jixegħlu ser jitranġaw.

37.4.3 Is-Sur Frank Fenech ġibed l-attenzjoni dwar ix-xogħol ta’ żebgħa li qed isir fuq ir-*railing* tal-*front* fi Triq il-Port. Huwa qal li mhux qed isir xogħol sew għax is-sadid mhux qed jinbaraxx qabel. Iċ-*Chairperson* talbet sabiex tintbagħat *email* lil Inġinier responsabbli minn dan ix-xogħol.

37.4.4 Is-Sur Frank Fenech ressaq suġġeriment sabiex isir bank tal-injam matul il-promenade ta’ Triq il-Port peress li wara li baxxew il-madum, iċ-ċint tal-konkos ġie fil-għoli biex wieħed ipoġġi fuqu. Kien hemm qbil mill-membri preżenti biex isir dan is-suġġeriment.

37.4.5 Is-Sur Frank Fenech ressaq suġġeriment sabiex tintbagħat *email* lil min

hu responsabbli mill-aġenzija LESA biex iżżid il-preżenza tal-gwardjani lokali f'Marsalforn minħabba l-problema tal-iskart. Huwa qal li hemm bżonn nerġgħu nagħmlu l-*iskips* sabiex il-boroż ikunu miġbura ġo l-*iskips* u mhux imxerrdin madwar Marsalforn kollu. Ma' dan il-punt qamet diskussjoni sħiħa. Iċ-*Chairperson* qablet ma' dan is-suġġeriment biex jerġgħu jitpoġġew l-*iskips*. Is-Sinjura Sandra ma qablitx u saħqet li din l-azzjoni se tmur kontra l-liġijiet li ser jiddaħħlu fis-seħħ fiż-żmien qarib dwar l-obbligu tas-separazzjoni tal-iskart. Fuq dan ittieħed vot ta' tnejn favur din il-proposta miċ-*Chairperson* ta' Marsalforn is-Sinjura Marija Saliba u d-Deputat *Chairperson* is-Sur Frank Fenech filwaqt li s-Sinjura Sandra Grech ivvutat kontra.

Wara dan il-vot is-Sinjura Sandra Grech irtirat mil-laqgħa u l-laqgħa kellha titwaqqaf minħabba nuqqas ta' *quorum*.

**Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 8 ta' Ġunju 2018 fis-6.00 ta' filgħaxija.**

Konfermati, illum il-Ġimgħa 8 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |